**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 24 ta' Novembru 2022**

Rikors Numru: 471/22 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 470/2000)

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-guramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi ir-rikorrenti A B żżewġet lil C D fil-Knisja parrokjali ta' Santa Marija, l-Mosta nhar l-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elfejn (2000) - ċertifikat taż-żwieġ anness u markat Dok 'A';

2. Illi minn dan iż-żwieġ twieldet tifla, E D, li ser tagħlaq l-eta' ta' 21 f'Ottubru ta' din is-sena (2022).

3. Illi l-partijiet isseparaw legalment minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat erbgħa (4) ta' Frar ta-sena elfejn u dsatax (2019) in atti tan-Nutar Dottor James Grech - kopja legali annessa u markata Dok 'B';

4. Illi ma hemm ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;

5. Illi inoltre, qed jiġi kkonfermat li l-manteniment dovut lill-minuri huwa rregolat bil ftehim tas-separazzjoni bejn il-partijiet u għalhekk hemm il-provvedimenti neċċessarji sabiex il-minuri tingħata l-manteniment adegwat;

6. Illi fir-rigward ta' manteniment dovut għall-bżonnijiet tat-tifla, kif inhu rifless fis-sub inċiż numru 9(i) tal-att surreferit, jiġi rrimarkat li dan qiegħed jitħallas regolarment mill-intimat, salv għal pendenza waħda senjatament il-mantenimet dovut għal Marzu 2022, fl-ammont ta' 293.60 Ewro liema pendenza qed tiġi indirizzata;

7. Illi ulteriorment, u għal kull buon fini, jigi rrimarkat ukoll li jezistu pendenzi relatati ma' spejjeż ta' edukazzjoni, saħħa u attivatijiet extra-kurrikulari, regolati bis-sub inċiż 9(ii) tal-att sopracitat, liema pendenzi, wkoll qed jigu indirizzati/ser ikunu indirizzati;

8. Illi madanakollu, gialadarba t-talba tal-hall taż-żwieġ qed issir mill-persuna li għandha tirċievi dan il-manteniment jew spejjeż dovuti kif spjegat fil-premessa preċidenti, in-nuqqas da parti tal-intimat dwar in-nuqqas tal-hlas tal-manteniment shih lill-attrici għall-binthom, m'ghandux jipprekludi l-akkoljiment tat-talba tal-attrici ghad-divorzju"[1];

9. Illi għalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mil-liġi tramite l-artikolu 66B tal Kodiċi Ċivili Kap 16 tal-liġi nostrana għad-divorzju taż-żwieġ tal-partijiet;

10. Illi r-rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment.

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieg ta' bejn il-partijiet li ġie ċċelebrat nhar l-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elfejn (2000);

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imholli għal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-ħall taż-żwieg tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Registru Pubbliku.

Salv kull provvediment li din il-Qorti jidrilha xieraq u opportun.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha espona:

1. Illi fl-ewwel lok jingħad li mhux kontestat li l-partijiet iżżewgu fl-ewwel (1) ta' Mejju ta-sena elfejn (2000) u li sseparaw legalment minn xulxin permezz tal-att tan-Nutar James Grech datat nhar l-erbgħa (4) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019) u sussegwentament ippublikat fit- tnax (12) ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019);

2. Illi l-esponent jaqbel ukoll illi m'għad hemm ebda cans ta' rikonciljazzjoni bejnu u r-rikorrenti;

3. Illi l-esponent jikkonferma illi bi żvista, il-ħlas relatat ma' manteniment għax-xahar ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) biex jipprovdi għall-bżonnijiet ta' binthom, Mariah Borg ma ġiex affetwat, liema pagament ħa jkun qiegħed jigi ivversat a favur ir-rikorrenti mill- aktar fis;

4. Illi l-esponent jiċħad kategorikament illi jeżistu xi pendenzi relatati ma' spejjeż ta' edukazzjoni, saħħa u attivitajiet extra-kurrikulari, stante illi s-sub-inċiż 9(i) tal-att sopracitat jipprovdi illi - manteniment jkopri l-bżonnijiet ta' kuljum ta' binthom u kif ukoll spejjeż relatati mal-privat kif ukoll l-ispejjeż kollha ta' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari għajr dak provdut fis-sub-inċiż 9(ii) li jipprovdi illi fl-eventwalità illi l-spejjeż ta' saħħa jammontaw għal iżjed minn ħamsin Ewro (€50), l-eċċess għandu jinqasam nofs bin-nofs bejn ir-rikorrenti u l-esponent. Konsegwentament, kwalsiasi spejjeż li ma jeċċedux l-ammont ta' ħamsin Ewro (€50) huma koperti mill-manteniment li l-esponenti jivversa a favur ir-rikorrenti;

5. Illi l-esponent għaldaqstant, ma jopponix għat-talba għall-ottjeniment tad-divorzju, għalkemm jopponi għall-ispejjeż tal-proċeduri odjerni;

Tant għandu x'jissottometti l-esponent f'dan l-istadju, a savju ġudizzju ta' din il-Qorti.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tat-28 ta' Settembru 2022;

Rat ir-risposta tal-intimat;

Semghet lill-intimat jiddikjara li l-manteniment tax-xahar ta' Marzu 2022 issa thallas lir-rikorrenti u li fil-jiem li gejjien ser jigu rizolti wkoll l-pendenzi ta' spejjez ta' sahha u edukazzjoni;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-4 ta' Frar 2019;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejniethom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.